Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,206, 4 ta' Ġunju, 2019

Taqsima B

A.L. 112 tal-2019

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI
(KAP. 217)

Regolamenti tal-2019 dwar Proċedura għall-Ispezzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi li jkunu qed joqogħdu u jaħdmu Illegalment, u l-Monitoraġġ ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi li jkunu iskritti fi Stabbilimenti Edukattivi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36(1) u (2)(e) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, il-Ministru responsabbli għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2019 dwar Proċedura għall-Ispezzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi li jkunu qed joqogħdu u jaħdmu Illegalment, u l-Monitoraġġ ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi li jkunu iskritti fi Stabbilimenti Edukattivi.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 217.

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Immigrazzjoni;

L.S. 497.07.

"l-Aġenzija" tfisser Aġenzija Identità Malta mwaqqfa permezz tal-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija Identità Malta;

"ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna li mhix ċittadina tal-Unjoni Ewropea fl-ambitu tat-tifsira tal-artikolu 20(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u li ma tgawdix id-dritt Komunitarju tal-moviment liberu, kif imfisser fl-artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) Nru 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen);

"ċittadin ta' pajjiż terz impjegat illegalment" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li m'għandux fil-pussess tiegħu liċenza ta' impjieg;

"ċittadin ta' pajjiż terz residenti illegalment" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz preżenti f'Malta li ma jissodisfax, jew m'għadux jissodisfa, il-kondizzjonijiet ta' soġġorn jew residenza f'Malta;

"liċenza ta' impjieg" tfisser liċenza maħruġa taħt l-artikolu

11(3) tal-Att;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli mill-immigrazzjoni;

"permess għal residenza" tinkludi permess maħruġ taħt l-Att u l-leġiżlazzjoni sussidjarja li jawtorizza ċittadin ta' pajjiż terz, li mhuwiex dipendenti fuq ċittadin tal-Unjoni Ewropea kif imfisser fid-dispożizzjonijiet tal-Ordni dwar il-Moviment Liberu ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Membri tal-Familji tagħhom, biex jgħixu f'Malta;

L.S. 460.17.

"student" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li ġie awtorizzat biex jgħix f'Malta abbażi tal-leġiżlazzjoni u politiki nazzjonali;

"taqsima ta' rapportaġġ" tfisser it-taqsima u l-uffiċjali fi ħdan Identità Malta fdati bl-ispezzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin jgħixu u jaħdmu f'Malta illegalment, skont ir-Regolamenti dwar Standards Minimi għal Sanzjonijiet u Miżuri kontra Min Iħaddem lil ċittadini minn Pajjiżi Terzi b'Residenza Illegali;

L.S. 217.14.

"visa" tfisser l-awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea skont ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) jew skont l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni ta' Schengen.

Spezzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed joqogħdu u jaħdmu illegalment u l-monitoraġġ ta' studenti.

3. (1) It-Taqsima ta' Rapportaġġ għandu jkollha s-setgħa li:

(a) tidħol mingħajr avviż preliminari, fi kwalunkwe ħin raġonevoli, f'post fejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu impjegati jew ikunu qed jgħixu jew jistudjaw, inkluż fl-iskejjel, binjiet anċillari għall-iskejjel, post fejn ikun qed jiġi provdut tagħlim privat, post għall-provvista ta' tagħlim mill-bogħod, għall-finijiet tat-twettiq ta' żjara ta' spezzjoni:

Iżda t-Taqsima ta' Rapportaġġ tista' tidħol f'postijiet ta' residenza bl-assistenza tal-pulizija;

(b) twettaq, fi kwalukwe minn dawn il-postijiet, kull tip ta' eżaminazzjoni jew inkjesta li tqis li hija meħtieġa sabiex tissodisfa lilha nnfisha li d-dispożizzjonijiet tal-Att jew ta' kwalunkwe regolamenti magħmulin taħtu, kif ukoll kwalunkwe kondizzjonijiet maħruġa fil-permess ta' residenza jew viża qegħdin jiġu osservati;

(ċ) titlob lil kwalunkwe persuna biex tipproduċi għall-

finijiet ta' spezzjoni, dokumentazzjoni ta' residenza u tieħu estratti minn kotba, reġistri, attendenzi, dokumenti jew rekords relatati ma' kwalunkwe attivitajiet regolati minn, jew taħt l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmulin taħtu, li huma fil-kontroll ta' dik il-persuna u, fil-każ ta' informazzjoni f'forma illeġibbli li tirriproduċiha f'forma leġibbli, u li tagħti lit-Taqsima ta' Rapportaġġ l-informazzjoni li tista' raġonevolment tirrikjedi, fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni mniżżla f'tali kotba, attendenzi, dokumenti jew rekords; u

(d) żżomm kopji ta' tali kotba, reġistri, attendenzi, dokumenti jew rekords għal dak il-perijodu raġonevoli għall-eżaminazzjoni ulterjuri.

(2) Il-binjiet u l-postijiet li huma suġġetti għal spezzjoni taħt dawn ir-regolamenti huma kwalunkwe binijiet jew postijiet li fir-rigward tagħhom japplika l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmulin taħtu jew kwalunkwe kondizzjonijiet ta' residenza relatati ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

(3) It-Taqsima ta' Rapportaġġ għandha, jekk hija tqis miż-żjara ta' spezzjoni, li kien hemm ksur ta' kwalunkwe mid-dispożizzjonijiet tal-Att jew regolamenti magħmulin taħtu jew ta' xi kundizzjoni ta' residenza applikabbli għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz, tirrapporta r-riżultati taż-żjara ta' spezzjoni lill-entità responsabbli u lill-Awtorijiet pertinenti tal-Pulizija.

Influwenza mhux xierqa.

4. (1) L-ebda persuna m'għandha tinfluwenza b'mod mhux xieraq jew tipprova tinfluwenza direttament jew indirittament f'isimha jew f'isem ħaddieħor, lit-Taqsima ta' Rapportaġġ, lill-Aġenzija jew l-uffiċjali tagħha, jew persuni impjegati minnhom, fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom taħt dawn ir-regolamenti.

(2) Kwalunkwe persuna li tikser id-dispożizzjonijiet hawn fuq imsemmija ta' dan l-artikolu, għandha tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti, u għandha meta tinstab ħatja tkun soġġetta għal multa ta' mhux aktar minn tliet elef euro (€3,000) jew għal priġunerija għal perijodu ta' mhux aktar minn tliet (3) xhur, jew għal dik il-multa u priġunerija f'daqqa.

Reati.

5. Kwalunkwe persuna li:

(a) tostakola, timpedixxi jew tattakka uffiċjal tat-Taqsima ta' Rapportaġġ waqt it-twettiq tal-funzjonijiet mogħtija minn dawn ir-regolamenti;

(b) tonqos jew tirrifjuta li tikkonforma ma' xi rekwiżit taħt ir-regolament 3;

(ċ) tbiddel, trażżan jew teqred kwalunkwe kotba, reġistri, attendenzi, dokumenti jew rekords li l-persuna konċernata tkun intalbet tipproduċi, jew li raġonevolment tistenna li tkun mitluba tipproduċi;

(d) tippreżenta lilha nnifisha b'mod falz bħala uffiċjal tat-Taqsima ta' Rapportaġġ jew tal-Aġenzija;

(e) tforni xi informazzjoni lit-Taqsima ta' Rapportaġġ jew lill-Aġenzija, li jista' jkollha bżonn fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dawn ir-regolamenti, li taf jew għandha raġuni biżżejjed li temmen li hija falza jew qarrieqa,

għandha tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti, u għandha meta tinstab ħatja tkun soġġetta għal multa ta' mhux aktar minn ħamest elef euro (€5,000) jew priġunerija għal perijodu ta' mhux aktar minn sitt xhur, jew għal dik il-multa u priġunerija f'daqqa.

Reati taħt liġijiet oħra. Kap. 9.

6. Il-pieni provduti f'dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw kemm-il darba l-fatt ma jikkostitwixxix reat aktar serju taħt il-Kodiċi Kriminali jew kwalunkwe liġi oħra, f'liema każ għandu japplika dak il-Kodiċi.